TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 22

It-Tlieta, 23 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' *online* minhabba l-pandemija tal-Covid 19, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku Keith Tanti ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Keith Tanti, il-Vici Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Camilleri informa li kien ma jiflahx u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 21 li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand ll-Kunsillier Anthony Camilleri li nforma li kien ma jiflahx u li ghalhekk gie skuzat.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Dwar il-face masks, is-Segretarju Ezekuttiv informa li t-tqassim taghhom huwa ghaddej kif miftiehem u n-nies qed jigbru dawn mill-Kunsill Lokali . Minhabba c-cirkustanzi tal-pandemija, dawn qed jitqassmu ftit ftit sabiex ma jigux gruppi flimkien ta' nies fl-ufficcju tal-Kunsill.

## 4 SORVELJANZA FL-AREA TAL-CAR PARK FUQ ABBUZI LI QED IKUN HEMM

*4.1* Tressqet quddiem il-Kunsill, il-mozzjoni Nru VIII/22-1 (Appendici A) mressqa mill-Kunsillier Mark Pisani sabiex issir aktar sorveljanza tal-area tal-car park minhabba diversi abbuzi li qed isiru.

*4.2* Wara spjegazzjoni li saret mill-Kunsillier Pisani, il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni – *Rizoluzzjoni nru VIII/22-1.*

## 5 IL-PROGETT TAL-ESTENSJONI TAL-KUNSILL PERMEZZ TAN-NORWAY GRANTS

*5.1* Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu quddiemu ghazla difficli. Kif kulhadd jaf, il-Kunsill applika u gew approvati lilu fondi permezz tan-Norwegian Grants sabiex issir l-estensjoni tal-Kunsill. Dan il-progett huwa marbut b'dati li l-Kunsill irid bilfors izomm maghhom ghax f'kaz li dawn ma jinzammux, il-fondi ma jinghatawx. Sadanittant, matul il-pandemija, il-binja tal-Kunsill, permezz tal-Berga li tinsab fis-sular t'isfel, qed tkun ta' ghajnuna kbira lid-Dipartiment tas-Sahha minhabba li minnha qed jigi amministrat il-vaccin ta' kontra l-Covid 19. Biex jinbeda l-progett tal-estensjoni tal-Kunsill, iridu jsiru diversi alterazzjonijiet fis-sulari ezistenti u ghalhekk ghal diversi gimghat, l-operat mill-bini prezenti irid ikun minimu kemm minhabba ragunijiet ta' sahha u sigurta` kif ukoll minhabba trabijiet li jigu ggenerati waqt ix-xoghlijiet. Ghalhekk il-Kunsill irid jiddeciedi jekk jinbediex ix-xoghol issa u jieqaf il-process tal-vaccinazzjoni mill-Berga jew inkella ma jkomplix ghalissa bil-progett u jinstabu mezzi ohra ta' finanzjament fil-futur sabiex dan il-progett isir u b'hekk ikompli ghaddej il-programm ta' vaccinazzjoni.

*5.2* Is-Sindku qal li f'dawn iz-zminijiet, il-priorita` ghalih hija li b'kull mezz possibli inkompli nghinu fil-programm ta' vaccinazzjoni u ghalhekk ghandu jigi pospost il-progett tal-estensjoni tal-Kunsill.

*5.3* Is-Segretarju Ezekuttiv enfasizza li jekk dan il-progett ma jzommx mal-iskadenzi tieghu u allura ma jitlestiex fil-hin, ma jinghatawx il-fondi u dan ikollu riperkussjonijiet fuq il-finanzi tal-Kunsill. Huwa qal li diga qeghdin tard biex dan jinbeda, ahseb u ara jekk wiehed jistenna sakemm jispicca l-programm ta' vaccinazzjoni. Ghalhekk ghandha tittiehed decizjoni llum sabiex ikun hemm pjan ta kif il-Kunsill se jipprocedi.

*5.4* Fid-dawl ta' dan li gie spjegat, il-Kunsill b'mod unanimu qabel li ghalissa ghandu jigi sospiz il-progett tal-estensjoni tal-bini tal-Kunsill sabiex jitkompla l-programm ta' vaccinazzjoni mill-Berga ta' Tal-Pieta`. Sadanittant jigu esplorati metodi ohra kif jista' jsir dan il-progett.

## 6 KORRISPONDENZA

*6.1* Tressqet quddiem il-Kunsill email mill-Agenzija LESA, fejn permezz ta' fondi mill-istess Agenzija, il-Kunsilli Lokali ser ikunu jistghu japplikaw sabiex isiru Progetti fil-komunitajiet. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika ghal dawn il-fondi sabiex issir l-estensjoni tal-binja tal-Kunsill li sservi ta' Day Centre ghall-Anzjani u multi purpose hall.

## 7 MISTOQSIJIET

*7.1* Il-Kunsiller Pisani ppropona li jsir parkegg riservat ghal persuni b'dizabilita` fi Triq Santa Monika vicin il-knisja. Wara diskussjoni li saret, ma kienx hemm qbil li dan isir minhabba li jkun qed jittiehed parkegg il-gurnata kollha meta dan se jkun forsi qed jintuza ghal ftit hin waqt il-quddies;

*7.2* Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-problema f'parti minn Triq l-Ursolini ta' residenti li johorgu l-iskart mhux fil-hin u l-gurnata li suppost. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill kien ghamel rapport lill-LESA kif ukoll lill-ERA.

*7.3* Il-Kunsillier Pisani irraporta tappiera fi Triq Santa Monika. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din se titranga mill-aktar fis

*7.4* Il-Kunsillier Pisani informa li kien hemm xi bollards mghawgin fi Triq Hookham Frere k/m Triq Santa Monika u k/m Triq San Guzepp. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn se jitrangaw fil-granet li gejjin.

## 8 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*8.1* Is-Sindku qal li n-nicca fi Triq id-Duluri kienet lesta u kif jaf kulhadd kienet inawgurata wkoll. Saret bicca xoghol tajba hafna u kulhadd apprezza dan..

## 9 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***9.1*** Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 21. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.* (Appendici B)

## 10. TMIEM

***10.1*** Fil-4.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 27 ta' April, 2021, fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Keith Tanti
Sindku